31998R2633

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSIJONI (KE) Nru 2633/98

tat-8 ta' Diċembru 1998

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2300/97 dwar ir-regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1221/97 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' miżuri għat-titjib tal-produzzjoni u l-*marketing* ta' l-għasel

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxil-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1221/97 tal-25 ta' Ġunju 1997 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' miżuri biex tittejjeb il-produzzjoni u s-suq ta' l-għasel ([1]), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2070/98 ([2]), u b'mod partokolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2300/97 ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1472/98 ([4]), jistabbilixxi disposizzjonijiet għall-implimetazzjoni ta' miżuri biex tittejjeb il-produzzjoni u s-suq ta' l-għasel;

Billi konsistenza bejn il-miżuri ta' programmi nazzjonali u miżuri oħra permezz tad-diversi strateġiji tal-Komunità, partikolarment ir-Regolamenti li jikkoordinaw l-istrateġija ta' riċerka ta' ikel agrikolu għandha tkun assigurata matul l-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali; billi, partikolarment, kull ħlas żejjed minħabba l-għaqda ta' għajnuna u inkonsistenzi oħra fid-definizzjoni tal-miżuri għandu jkun evitat;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv tal-Laħam tat-Tjur u l-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-Artikolu 4 (e) tar-Regolament (KE) Nru) 2300/97 huwa mibdul b'dan li ġej:

"3. L-istess miżura m'għandhiex tkun is-soġġett ta' ħlasijiet simultanji permezz tar-Regolament (KE) Nru 1221/97 u permezz ta' xi skema oħra ta' għajnuna tal-Komunità fir-rigward tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 950/97 (*), (KE) Nru 951/97 (**) u (KE) Nru 952/97 (***) kif ukoll programmi ta' riċerka tal-Komunità, żvilupp teknoloġiku u demostrazzjoni tal-Komunità, li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 2(3) ta' dan ir-Regolament.

(*) ĠU L 142, ta' l-4.6.1998, p. 1.
(**) ĠU L 142, ta' l-4.6.1998, p. 22.
(***) ĠU L 142, ta' l-4.6.1998, p. 30."

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum ta' wara l-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 8 ta' Diċembru 1998.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 173, ta' l-1.7.1997, p. 1.
([2]) ĠU L 265, tat-30.9.1998, p. 1.
([3]) ĠU L 319, tal-21.11.1997, p. 4.
([4]) ĠU L 194, ta' l-10.7.1998, p. 8.